MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Numru. 100/2008

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Norbert Ciappara)**
**(Spettur Pierre Grech)**

**Versus**

**Darren Debono**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Darren Debono iben Sam u Tessie nee Saliba, imwieled Wales nhar it-30 ta’ Mejju 1974 u residenti 10 Suzuki, Triq il-Kullegg, Mosta u li ghandu l-karta tal-identita’ bin-numru 160093 (M)

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-3 ta’ Gunju 2008 u matul it-tliet xhur qabel din id-data

a) Ikkoltiva l-pjanta Cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8 (c) tal-Ordinanza dwar il-Medicinci Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi kusr tal-artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanxi li juru li ma kenitx ghall-usu esklussiv tieghu;

c) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifkat tat-twelid li jġib in-numru 1600 tas-sena 1993, il-fedina pendali tal-imputat (fol 3 et), l-ordni tal-Avukat Ġenerali a fol 8, i-tweġiba tal-imputat li mhux ħati (fol 11), il-konferma tal-esperti maħtura fl-inkjesta (fol 15), l-istqarrija tal-imputat, il-pjanta mmarkata CS1 a fol 27, il-proċess verbal immarkat NF redatt mill-Maġistrat Dr Doreen Clarke, il-pjanta ppreżentata mill-Perit Richard Aquilina (fol 54), ir-relazzjoni ta' PS 612 Theo Vella u PS 644 Evan Camilleri (Dok TV paġina 63), ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, ir-relazzjoni tal-espert Martin Bajada (fol 103 immarkata MB), id-dokument PG a fol 128ir-relazzjoni tal-espert tal-impronti diġitali 1525 Patrick Farrugia (fol 148) u d-dokument PA a fol 132.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**Il-Fatti fil-Qosor**

5. Skond il-Prosekuzzjoni, il-Pulizija għamlet tfittxija fl-area magħrufa Ta' Venezja' in-naħa ta' Ta' Qali . F'nofs borġ ta' terrapien kien hemm żewġ pjanti li kienu jidhru li huma tal-cannabis. Fit-3 ta' Ġunju, il-Pulizija li kienet qed tagħmel għassa, waqqfet lill-imputat li meta kien ħiereġ barra mill-isqaq li jagħti minn ħdejn il-ġibjuni lejn il-parking fejn hem mil-VIP entrance tal-istadium. Saret tfittxija fil-vettura tiegħu Hyundai LCE 126 unstab barmil li kien fih biċċiet li kienu jidhru tal-pjanta cannabis. Dawn kienu taħt il-bonnet. PS ikkonferma li waqt l-osservazzjoni kien ra lill-imputat javviċina fejn kien hem mil-ħofra bil-pjanti tal-cannabis. L-imputat stess indika lill-Pulizija l-aħjar parti tal-ħofra li minnha kellhom jinżlu l-Pulizija. A fol 43, l-Ispettur qal li l-imputat kien qallu li din kienet l-ewwel darba li kabbar il-pjanti, li dawn kienu l-uiniċi żewġ pjanti u li kien isaqqihom darbtejn fil-ġimgħa.

6. Minn din il-ħofra kienu elvati l-pjanti.

7. Wara saret tfittxija f'kamra li fetaħ l-imputat biċ-ċċwievet tiegħu. Il-kamra kienet ta' missier l-imputat iżda kein jagħmel użu minnha hu. (fol 18). Kien hemm xi weraq żgħar u xi peat li kien jintuża għall-pjanti. Lill-Ispettur kien qallu li hu ma keinx ibigħ s-sustanza (fol 18) u li l-pjanti kien ikabbarhom għall-użu personali. Dwar ir-raża tal-kannabis l-imputat kien għarraf lill-Ispettur li din ma kentix ilha wisq għandu u li kien hemm madwar 220 gramma.

**L-Istqarrija tal-Imputat**

8. L-imputat qal li l-karozza LCE 126 Hyundai kienet tiegħu. (fol 21). L-aħħar li kien ħadem kien xe erba' snin qabel. Huwa qal li jiddependi mill-ismoke regolari u li kien ipejjep xi erba' jew ħames sigaretti kull jum. Huwa kein jieħu l-għajnuna soċjali. Imbagħad l-imputat għażel li ma jweġibx għal ħafna mid-domandi.

**Xhieda tal-Prosekuzzjoni**

9. Xehed Charles Schembri li indika fejn kellu l-għeliqi tiegħu bħal X1 u X2 fuq il-pjanta (a fol 27 u 28).

10. Xehed PS 1044 Godron Calleja li qal li fit-3 ta' Ġunju, 2008, permezz tan-night vision,għal xi d-9.10 ta' bil-lejl seta' jara persuna b'oġġett f'idejha tiġri fil-post indikat lilhom fid-direzzjoni ta' karozza. Fil-boot tal-karozza Hyundai bin-numru LCE 126 li kienet misjuqa mill-imputat (fol 34) isntab barmil tal-plastik li fih kellu weraq tal-cannabis maqtugħin friski. Membri tal-forensika ħadu r-ritratti. Saret tfittxija fil-post fejn kienu raw lill-imputat . Kien hemm toqba mgħottija bi stikek tal-bamboo u xi ħaxix ħażin. Kien hemm xi pjanti tal-cannabis. Dawn ittieħdulhom xi ritratti. L-imputat kellu ċ-ċwievet ta' kamra li kienet fil-viċin fejn istabu xi weraq neixfa ġo xitla u xi biċċiet tar-raża mgewżrin f'biċċa foil li kienu ġo bott tal-kafe'.

11. Xehed ukoll PC 706 Norman Cremona li kien waqqaf lill-imputat meta dan tal-aħħar kien fil-karozza. Huwa ħadlu ċ-ċavetta u wara staqsieh kellux xi ħaġa illegali. L-imputat qal li kellu xi ħaġa fil-luggage boot. (fol 36). Huwa kkonferma li kienu nstabu xi pajanti suspettati pjanti tal-cannabis.

12. Skond ix-xhieda ta' PC 1183 Oliver Borg, l-imputat kien spontjament qalilhom li kien ilu xi erba' xhur ikabbar dawk il-pjanti. (fol 38).L-imputat qal ukoll li kellu okkażjoni li jpejjep minnhom xi tleit darbiet u li l-weraq li kienu nstabu fil-bagoll kienu effettivament maqtugħin mill-pjanti. L-imputat kien qal ukoll li kienu jinħtieġu ġimgħa proċessar sabiex ikun jista' jpejjep minnhom.

13. PC 673 Kevin Muscat ikkonferma dak li qalu x-xhieda preċedenti dwar kif twaqqfet il-karozza tal-imputat u xi nstab fiha. Huwa kein fiżikament preżenti waqt it-tfittxijka fil-kamra. (Fol 40).

14. PC 1099 Carmel Farrugia spjega kif kien elevat barmil li fih kien hemm weraq friski suspettati droga ħaxixa. (Fol 41).

15. Il-Perit Richard Aquilina ħalef ir-realzzjoni tiegħu (fol 54 et). F'din ir-elazzjoni hemm refernza għall-preżenza ta'

xtieli tal-cannabis li kellhom dan id-daqs: 1.24 m u 1.06 m. Fil-kamra nstabet kitla bi ftit ħaxixa fiha.

16. Is-scene of the crime officers PS 612 Theo Vella u PS 644 Evan Camilleri kkonfermaw ir-ritratti li kienu ttieħdu. F'diversi ritratti jidhru pjanti fil-boot tal-karozza Hyundai msemmija aktar 'il fuq.  (Ara 08 BFW 105 u 08 BFW 106). Hemm  diversi ritratti oħra li juru l-ħofra mgħottija u l-pjanti allegatament tal-cannabis. Fir-ritratti 08 BFW 152 jidher il-kontenut tal-kitla waqt li fir-ritratt 08 BFW 151 jidhru żewġ pakketti bojod ħdejn bott tal-kafe' (Nescafe). (Ara wkoll 08 BFW 150).

17. Mir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, espert forensiku, jirriżulta li l-weraq u ż-żewġ ġjanti li kien hemm fid-dokuemnti 211/08/01 sa 211/08/04 kellhom piż nett totali ta' 178.2 grammi u kienu tal-kannabis.

18. Kien stabbilit ukoll li disa' biċċiet ta' blokki kbar u tliet biċċiet ta' blokki żgħar ta' sustanza kannella li kienu mgewżra ġo biċċa foil kein fiha 216 grammi raża tal-pjanta cannabis.

19. Kienet ukoll ippreżentata u ġuramentata r-relazzjoni tal-eseprt Martin Bajada li kein fiha call profile.

20. Xehed l-Ispettur Pierre Grech li kkonferma dak kollu li kienu xehdu qabel ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni (fol 124 et). Huwa kkonferma li l-imputat kien preżenti waqt it-tfittxija. Huwa qal ukoll li ż-żewġ pjanti mdaqqsin kienu għadhom imwaħħlin fl-art (fol 125).  Instabu wkoll jerrycans li kienu simili għal dawk li nstabu fil-akrozza tgal-imputat (fol 125). Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li l-imputat kellu ċ-ċwievet li bihom infetħat il-kamra fejn instabu diversi biċċiet tar-reżina tal-cannabis imqattgħin.  Qabel l-istqarrija l-imputat kien qal li kien hemmmadwar 220 gramma tar-reżina tal-cannabis.

21. Xehed ukoll Paul Azzopardi, assistant principal fid-Dipartiment tal-Agrikoltura li kkonferma li l-bidwi li jaħdem l-għalqa huwa ċertu Carmelo Schembri ta' 68 Triq ir-

Refuġjati tal-Gwerra, Mosta. Huwa kein jaħdem sal boundary għaleix barra l-boundary ma kienx jinħadem.

22. PC 10 Trevor Cassar Mallia ddekrieva t-tfittxija li saret.

23. Xehed ukoll PC 1525 Patrick Farrugia li kkonferma r-relazzjoni dwar l-impronti diġitali li rriżultat fin-negattiv.

**Xhieda Difiża**

24. Xehdet ir-rappreżentanta tas-Sedqa Vicky Scicluna li qalet li l-imputat kien qed juża l-cannabis minħabba li kien iħossu skomdu b'inċident li kellu bil-motorbike. Il-cannabis tgħinu jissupera dan id-dwejjaq u din l-iskumdita' speċjalment meta jidhr quddiem in-nies. L-imputat kellu jagħmel ħafna operazzjonijiet saħansitra jmur barra minn Malta.

25. Xehed ukoll l-Ispiżjar Mario Mifsud li spjega kif isri it-testing fuq il-pajanta cannabis. Huma jagħmlu erba' testijiet kemm jekk tkun pjanta kif ukoll jekk tkun resin.

26. Xehed ukoll l-imputat li qal li huwa kellu aċċident ikrah bil-mutur u li kien juża l-cannabis għall-użu personali bss għaliex il-cannabis kienu tgħinu jnaqqas l-iskumdita'.

**Konsidazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

27. L-ewwelnett il-Qorti hija soddisfatta li kien l-imputat li kien qed ikabbar il-pjanta tal-cannabis. Dan jirriżulta minn dak li qal hu stess lill-Pulizija qabel ma għamel l-istqarrija. Filfatt fl-istqarrija huwa llimita ruħu biex jgħid li kien juża l-cannabis u li kien ipejjep bejn erba' u ħames sigaretti kull jum.

28. Iżda dak li l-imputat qal lill-Pulizija matul l-investigazzjoni jgħodd ukoll bħala prova basta dan jingħad taħt ġurament kif fil-fatt sar. Dan mhux hearsay għax qalu direttament l-imputat lill-Pulizija u mhux kliem li ġie minn terza persuna.

29. Anzi kien hu stess li wera kif kien l-aħjar mod kif jidħlu fil-ħofra fejn kienu moħbijin il-pjanti. Għalkemm il-kamra l-oħra kienet ta' missieru, kien l-imputat li juża l-post. Huwa kellu ċ-ċwievet tal-kamra fejn instabu l-bqija tal-esibiti u fetaħ il-kamra bl-istess ċwievet. Fuq kollox fil-boot tal-karozza tiegħu nstabet is-sustanza wkoll kif jirriżulta mix-xhieda kif ukoll mir-ritratti.

30. L-imputat qal lill-Pulizija li din kienet l-ewwel darba li kabbar il-pjanti u nnega li kien qed ibigħ il-cannabis kemm fuq il-pedana tax-xhieda kif ukoll meta kellem lill-Puliżija dak in-nhar li nstabet is-sustanza. (Ara x-xhieda tas-Supretendent Norbert Ciappara).

31. Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ippruvat 'l hemm minn kull ebda dubju l-ewwel imputazzjoni – jiġifieri dak tal-ikkultivar tal-pjanta cannabis.

**It-Tieni Imputazzjoni**

32. Din l-imputazzjoni hija dwar pjanta tal-cannabis jew biċċa minnha li ma kenitx għall-użu esklussiv tal-imputat. Skond l-eżami forensiku l-weraq u l-pjanti kellhom piż ta' 178.2 grammi. L-imputat ċaħad li kien ibigħ u qal li kellu bżonn il-cannabis għal skopijiet mediċi. Il-Qorti ser ittih il-benefiċċju tad-dubju dwar din it-tieni imputazzjoni u minflok qed issbu ħati ta' pussess aggravat qed issibu ħati ta' pussess sempliċi iżda serju, reat li huwa kompriż u involut fit-tieni imputazzjoni. Skond l-aħħar ġurisprudenza, partikolarment 'Il-Pulizija versus Patrick David Buttigieg' tat-13 t'Ottubru, 2009 (Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri) (S.T.O. Il-Prim Imħallef Dr.Vincent Degaetano), xorta ċertu pussess għandu bħala regola jġorr il-piena ta' priġunerija. Il-Qorti ser tikkwota din is-silta in toto:

***' It-tieni aggravju jirrigwarda l-aggravanti li l-pilloli li nstabu fuq l-appellant ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu. Wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa iddeposizzjonijiet tal-psikjatra Dott. John Borg u ta' Noel***

***Scerri (Manager, Treatment and Rehabilitation tal-Fondazzjoni Oasi), hija propensa li taccetta li ma giex sodisfacentement pruvat li l-ammont ta' pilloli li l-appellant***
***xtara minghad il-"Malti" u li nstabu fuqu ma kienux ghal-uzu***
***esklussiv tieghu – u dan minhabba d-dipendenza***
***qawwija li huwa jidher li kellu fuq din id-droga, b'tali mod li***
***kien anke jikkonsma numru minn dawn il-pilloli matul il-ġimgha.***
***Huwa minnu, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti, li lammont***
***(ta' droga) wahdu jista' jkun cirkostanza li***
***wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak ilpussess***
***ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-imputat – u tali***
***ammont jista' jkun anke ammont relattivament zghir. Pero`***
***fil-kaz in dizamina hemm indikazzjonijiet qawwija – u dan***
***apparti mid-deposizzjoni tal-istess appellant, allura***
***imputat, quddiem l-ewwel qorti – li huwa kien jiehu***
***regolarment minn dawn il-pilloli bhala "self medication"***
***minhabba l-problemi emozzjonali u ta' natura psikjatrika li***
***huwa kellu. Minkejja dan, pero`, l-ammont involut, billi kien***
***wiehed konsiderevoli, xorta wahda kien jipprezenta***
***perikolu ghal terzi, ghax dejjem ikun hemm il-perikolu li***
***min ikollu dik il-kwantita` jista' jasal biex joffri, anke jekk***
***minghajr hlas, xi ftit minnha lil haddiehor li jkun hekk***
***imhajjar. Fi kliem iehor, il-fatt li jkun hemm pussess***
***semplici (cioe` mhux aggravat) <u>izda ta' ammont***
***sostanzjali ta' droga, ghandu, bhala regola, igorr mieghu***
***xorta wahda l-piena ta' prigunerija.'</u>***

## It-tielet imputazzjoni

33. Din l-imputazzjoni hija dwar pussess aggravate tar-reżina tal-cannabis.  Skond ir-rapportg tal-analaista kein hemm disa' biċċiet ta' blokki kbar u tleit biċċiet ta' blokki żgħar ta' sustanza kannella li kellhom l-ammont totali ta' 216-il gramma u dawn kienu jikkonsista f'reża tal-cannabis. (fol.83).

34. Skond l-istqarrija tal-imputat huwa kien jieħu r-reżina tal-cannabis ukoll.  L-ammont fil-fehma tal-Qorti huwa wieħed konsidrevoli iżda wara li l-Qorti xtarret sew dak li xehed l-imputat, li qal fl-istqarrija, li qal lill-Pulizija u li xehdet il-Probation Officer jibqgħalha dak id-dubju jekk dan il-pussess kienx intiż biex ikun spaċċjat.  Għalhekk waqt li mhux qed issibu ħati ta' din l-imputazzjoni kif dedotta qed issibu ħati ta' pussess sempliċi iżda serju, reat li huwa kompriż u involut fit-tielet imputazzjoni.

## Konklużjoni

35. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b) u 17(f)tal-Kap 9, l-artikoli 8(ċ), 8(d), 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, mhux ħati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta iżda minflok qed issbu ħati ta' pussess sempliċi iżda serju, reat li huwa kompriż u involut fit-tieni imputazzjoni, mhux ħati tat-tielet imptuazzjoni kif dedotta iżda minflok ħati ta' pussess sempliċi iżda serju, reat li huwa kompriż u involut fit-tielet imputazzjoni.

36. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-imputat m'għandux fedina penali netta u li diġa' kien insnab darb'orħa fil-pussess tal-cananbis b'sentenza tas-sena 1998.  Il-Qorti qed tqis ukoll li l-ammonti mhumiex żgħar speċjalment fejn tidħol it-tielet imputazzjoni.  Għalhekk, wara li rat l-arftikoli 17(b) u 17(f)  tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat għall- piena  ta' priġunerija ta' sena u għall-ħlas ta' multa ta' €700 liema multa tista' titħallas f'rati ta' 50 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum.  Jekk ma jitħallasx xi apgament il-bilanċ jitħallas f'daqqa.  Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din

tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

37. Ai fini tal-artikolu 533, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti kollha maħtura fl-inkjesta li jammontaw għal 168.28 (perit arkitett), 275.77 spejjeż tas-scene of the crime officers, spejjeż tal-analiżi forensika 377.25, spejjeż tal-analiżi tal-mobile 242.32 u spejjeż tal-analiżi għall-finger prints 244.58 – total ta' €1308.20

38. Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorvelajanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------